**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 2 ta' April, 2019**

Numru 10

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat**
**Nru. 846/2018/1**

**Dr Ann Fenech kif debitament awtorizzata bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Bluefin Marine Ltd, registrata l-Liberia, u tal-bastiment MV Bright Star gia Trading Fabrizia bin-numru tal-IMO 9481960**

**vs**

**Is-socjeta estera Jebmed SRL registrata gewwa l-Italja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Dr Ann Fenech nomine b’konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest tal-bastiment MV Bright Star gia Trading Fabrizia u d-depozitu ta’ €779,346.61 li gie depozitat mir-rikorrenti biex jigi rilaxxat il-vapur mill-arrest. F’dan ir-rkors Dr Fenech nomine qed titlob li pendenti kawza ghal danni li hi fethet kontra s-socjeta Jebmed SRL ghall-allegat arrest illegali tal-vapur tinghata garanzija adegwata ghad-danni allegatament sofferti cioe telf ta’ flus bil-fatt li hemm somma depozitata fil-Qorti kif ukoll telf ta’ introjtu kagunati minhabba l-arrest.

Il-pretensjoni ta’ Dr Fenech qed issir a bazi tal-artikolu 272 tal-Kap. 12 li jipprovdi kif gej:

> Fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa ta’ ligi li tghid kontra, il-qorti tista’, matul l-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv, fuq rikors tal-ufficjal ezekuttiv tal-qorti,

> jew tal-partijiet, jew ta' persuna interessata ohra, bla ma ddewwem l-esekuzzjoni, taghti dawk il-provvedimenti li jkunu mehtiega sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-partijiet.

kif ukoll mehud in konsiderazzjoni dak li jipprovid l-artikolu 838A tal-Kap. 12 li jitkellem fuq l-ghoti ta' garanzija fejn tintwera kawza gusta.

Rat ir-risposta ta' Jebmed li issottomettiet li din it-talba ma fihiex ebda mertu legali jew fattwali ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta.

**Ikkunsidrat**

Din it-talba qed issir fl-isfond ta'mandat ta' arrest ezekuttiv 653/2018 li gie <u>ezegwit</u> (sottolinear tal-Qorti) mil-Qorti. L-artikolu 272 tal-Kap. 12 jitkellem fuq provvedimenti li tista' taghti il-Qorti <u>matul</u> l-ezekuzzjoni tal-titolu ezekuttiv (liema titolu f'dan il-kaz mhux kontestat) u kwindi hi l-fehma tal-Qorti li t-talba odjerna li qed issir ferm wara l-ezekuzzjoni u illum hi kwistjoni maghluqa ma jista' qatt ikollha xi validita. In oltre 'l-provvedimenti' li issemmi l-ligi li jistghu jkunu mehtiega waqt l-ezekuzzjoni huma intizi biex tassigura li l-ezekuzzjoni issir jew tkun qed issir skont il-ligi in osservanza tad-drittijiet tal-partijiet u anki terzi interessati dejjem fl-isfond tat-titolu ezekuttiv vantat. F'dan il-kaz l-ezekuzzjoni kienet qed issir in forza ta' titolu ezekuttiv naxxenti minn ipoteka navali reza ezegwibbli. Il-Qorti f'dak l-istadju tal-esekuzzjoni tal-mandat kellha tqis biss jekk fil-fatt kienx jezisti prima facie l-elementi ghal hrug tal-mandat u xejn aktar. It-talba ghal garanzija biex l-ezekutant jaghmel tajjeb ghad-dannu allegat fuq jekk it-titolu setghax jigi ezegwit fuq l-oggett mertu tal-mandat li prima facie kien konformi mat-titolu ezekuttiv, ma tistax issir fl-ambitu ta' dan l-artikolu ghax dan l-artikolu ma ghandux tali skop fil-ligi, apparti li kif gia inghad, dak li qed jintalab illum imur lil hinn miz-zmien li fih wiehed seta' jitlob xi provvidemnt tal-Qorti a bazi tal-artikolu 272 tal-Kap. 12.

In kwantu ghall-artikolu 838(a) tal-Kap. 12, din il-Qorti tqis li dan l-artikolu japplika ghal mandati kawtelatorji cioe fi zmien meta dak li qed jintalab mil-ezekutanti ghadu pretensjoni mhux titolu ezekuttiv bhal dan il-kaz. Ir-rimedju tar-rikorrenti kwindi jrid jinstab banda ohra fil-ligi semmai b'dak kollu li l-ligi tipprovdi biex wiehed jikkawtela l-pretensjoni tad-danni avvanzati fil-kawza mir-rikorrenti nomine fl-istess ismijiet

846/2018 imma mhux li jintuza artikolu tal-ligi intiz ghal mandat kawtelatorji b'analogija ghal mandat ezekuttiv fejn l-istess ligi ma tipprospettahx.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti nomine, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur